Qorti ta' l-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell Civili numru:- 429/2012

**Duncan Malcolm Pace (KI 405987M)** **(appellant)**

**vs**

**Triva Shipping Company Limited (C 39275)** **(appellata)**

Il-Gimgha, 29 ta' Lulju 2016.

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' Malcolm Duncan Pace tad-19 ta' Dicembru 2012 permezz ta' liema talab lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) tikkundanna lis-socjeta' ntimata thallsu s-somma ta' hamest elef, erba' mija u sittin Ewro (€5,460) rapprezentanti paga dovuta lilu bhala Kaptan ghall-perjodu ta' tnejn u erbghin (42) jum bejn id-19 ta' Frar u l-31 ta' Marzu tas-sena 2012 bir-rata miftehma ta' mija u tletin Ewro (€130) kuljum skont kuntratt ta' impjieg definit ta' xahar datat 31 ta' Jannar 2012 b'opzjoni ta' tigdid, li gie estiz ghal xahar iehor. Bl-imghax u bl-ispejjez.

Rat ir-risposta tas-socjeta' Triva Shipping Co. Ltd tat-30 t'April 2013[1] permezz ta' liema hija (i) rrespingiet il-pretensjonijiet tar-rikorrent bhala nfondat fil-fatt u fid-dritt; (ii) sahqet illi kien ir-rikorrent li abbanduna il-post tax-xoghol qabel l-iskadenza ta' l-ewwel xahar.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-30 t'April 2015 li ddecidiet illi:

***"Tichad*** *l-eccezzjonjiet tas-socjeta' intimata, u ghalhekk*

***Tilqa*** *t-talbiet attrici limitatament u dana billi*

***Tikkundanna*** *lill-istess socjeta' intimata thallsu lir-rikorrenti is-somma ta' elf, erbgha mija u tletin Euro (€1,430) rapprezentanti l-bilanc tal-paga dovuta lilu ghas-servizzi rezi lis-socjeta intimata abbazi tal-ftehim datat 31 ta' Jannar 2012.*

*Spejjez tal-proceduri odjerni ghandhom ikunu a karigu tas-socjeta' intimata."*

Dan wara li dik il-Qorti ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

i. il-partijiet ghamlu ftehim bejniehom fejn ir-rikorrent kellu jipprovdi s-servizzi ta' Kaptan lis-socjeta' intimata illi kienet, dak iz-zmien, sid ta' bastiment;

[1] Fol 12.

ii. Ftit wara l-impjieg tar-rikorrenti, huwa siefer lejn it-Tunezija fejn ha l-kmand tal-bastiment Triva 1 u wara illi ghamel tmintax-il gurnata jbahhar minn post ghal iehor, fit-18 ta' Frar 2012 il-bastiment wasal Malta. Ftit wara illi wasal Malta il-bastiment, ir-rikorrent intalab ikun 'on stand by' sabiex, f'kaz illi jkun hemm bzonn is-servizzi tieghu, huwa jkun jista jerga' jsalpa lura;

iii. Ir-rikorrent, flimkien mal-membri l-ohra ta' l-ekwipiagg, fl-20 ta' Frar 2012, thallsu ghas-servizzi taghhom sa dakinhar;

iv. Fil-frattemp, ir-rikorrent kien qieghed jipprova jaghmel kuntatt mas-socjeta intimata bil-ghan illi jtejjeb il-kundizzjonijet tax-xoghol tieghu izda s-socjeta' intimata ma riditx tbiddel il-kundizzjonijiet tax-xoghol;

v. Fil-bidu ta' Marzu, ir-rikorrent gie mgharraf mis-sidien tas-socjeta' ntimata li kien hemm vjagg iehor, izda r-rikorrent beda jinsisti sabiex jithallas ghall-kumplament tax-xahar u sabiex jibda jithallas aktar milli miftiehem. Is-socjeta' ntimata rrifjutat illi taghmel dan. Eventwalment, dana wassal ghal diverbju bejn il-partijiet u ir-rikorrent ma baqax fuq il-bastiment;

vi. Ir-rikorrent qieghed jishaq illi huwa kellu dritt jithallas ghax-xahar kollu ta' Frar 2012 kif ukoll ghax-xahar ta' Marzu 2012, stante illi huwa kien ghazel illi jestendi l-ftehim tieghu mas-socjeta intimata. Mill-banda l-ohra, s-socjeta' ntimata qieghda tishaq illi hija kienet hallset lir-rikorrent dak kollu illi kien lilu dovut skond il-kuntratt, peress illi hallsitu ghall-granet kollha illi huwa kien pprovda servizz fuq il-bahar bhala kaptan, kif ukoll ma kien dovut ebda pagament iehor peress illi kien abbanduna l-bastiment u il-kuntratt illi kellu maghha;

vii. Jirrizulta, skond il-kuntratt illi r-rikorrent kien ingaggat ghal servizz ta' kaptan ghal periodu ta' xahar u dana versu pagament ta' mija u tletin Euro kuljum. Fil-kuntratt, ebda riferenza ma ssir ghal fatt illi tali pagament huwa dovut biss meta l-vapur ikun qieghed ibahhar. Jirrizulta, mill-banda l-ohra, illi r-rikorrent kien qieghed jitlob illi l-kundizzjonijiet tal-kuntratt ta' impieg jinbidlu, peress illi ma kienx kuntent bir-rata ta' €130 kuljum. Indikazzjoni cara illi, a differenza ta' dak illi qieghed jikkontendi, huwa ma kellux xewqa ill jgedded il-kuntratt bl-istess kundizzjonijiet illi kellu;

viii. Jirrizulta illi, ghalkemm il-bastiment dahal Malta fit 18 ta' Frar 2012, ir-rikorrent qieghed jitlob ghal hlas mid-19 ta' Frar 2012 'il quddiem, filwaqt illi s-socjeta intimata ezebit dokumentazzjoni li tindika li pagament, ghalkemm mhux definit, ingabar fl-20 ta' Frar 2012. In vista tal-fatt illi s-socjeta intimata ma kienetx f'pozizzjoni tindika il-pagament sa liema data sar, il-Qorti tifhem illi ghalhekk huwa korrett dak rikjest mir-rikorrent illi l-paga tieghu hija dik dovuta mid-19 ta' Frar 2012 'il quddiem;

ix. Jirizulta illi x-xahar ta' Frar 2012 kellu 29 gurnata, bir-rizultat illi mid-19 ta' Frar 2012 sa' l-ahhar gurnata ta' dak ix-xahar kien hemm hdax-il gurnata xoghol, bil-granet kollha inkluzi. Tenut kont tal-fatt illi r-rata ta' kuljum kienet ta' €130, fuq medda ta' hdax-il gurnata, dina kienet tammonta ghal €1,430, somma li ghandha tithallas lir-rikorrent mis-socjeta' ntimata.

Ir-rikorrent hassu aggravat minn din is-sentenza limitatament ghal dik il-parti taghha fejn l-ewwel Qorti ma laqatx it-talba ghal kumplament u appella. Is-socjeta' ntimata wiegbet u ressqet ukoll appell incidentali ghaliex fil-fehma taghha l-ewwel Qorti ma kienx imissha cahdet l-eccezzjonijiet taghha, laqghet it-talbiet tar-rikorrent anke jekk limitatament u ordnathiela thallas l-ispejjez kollha tal-kawza[2]. Ir-rikorrent wiegeb ghall-appell incidentali tas-socjeta' ntimata[3].

Il-Qorti rat l-atti.

**L-appell tal-attur.**

1. L-aggravju tal-appellant hu li mill-provi l-ewwel Qorti kellha tilqa' t-talba mhux biss parzjalment izda *in toto.* La huwa ghazel li jgedded il-kuntratt tal-31 ta' Jannar 2012 kif kellu dritt jaghmel, huwa ghandu dritt jithallas sal-ahhar ta' Marzu 2012.

2. Dan l-appell huwa essenzjalment marbut ma' lment dwar l-apprezzament tal-provi kif kondott mill-ewwel Qorti. Kif inghad ripetutament mill-Qrati:

   *"f'materja tal-apprezzament tal-provi din il-Qorti, bhala qorti ta' revizjoni, ma tiddisturbax l-apprezzament maghmul mill-ewwel Qorti sakemm ma jkunx kaz ta' zball manifest li, jekk ma jigix rettifikat, parti ser issofri ingustizzja. Jigi osservat ukoll li, jekk mill-provi akkwiziti l-ewwel Qorti setghet ragjonevolment tasal ghad-decizjoni li waslet ghaliha, din il-Qorti ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti f'dan ir-rigward, multo magis bhal fil-kaz prezenti fejn l-ewwel Qorti semghet hi stess uhud mix-xhieda…. jixhdu viva voce u ghalhekk kellha l-beneficju tal-iskrutinju dirett ta' dawn ix-xhieda.[4]"*

3. Il-qofol ta' din il-kwistjoni skattat in segwitu ghal ftehim iffirmat bejn il-partijiet fil-31 ta' Jannar 2012[5] li jipprovdi hekk:

*1. The First party (Triva Shipping Company Limited) agrees to employ the Second Party (Duncan Malcolm Pace) and the Second Party agrees to be employed by the First Party on the terms and conditions set in this Agreement. The Second Party shall fulfil the function of the Master or any other function which may legally be assigned to him, on board a sea going vessel to be indicated by the first party.*

*2. The employment period shall be one month. Whilst employed on board, the Second Party will comply with the First Party's rules and regulations and carry out his/her duties in accordance with the International accepted maritime and ship practice.*

*3. The First Party shall pay the Second Party €130 per day.*

---

[2] Fol 8 et seq.

[3] Fol 15 et seq.

[4] **Francienne Fenech vs Alexander Fenech** deciz fid-29 t'April 2016 (Rik 423/04 – Qorti tal-Appell).

[5] Dok. A a fol. 2.

4. *The Second Party agrees to be transferred to any vessel under the same Management, with rank/duties on which the Second Party has been employed.*

5. *The Second Party acknowledges that he has read and fully understands and accepts this agreement.*

6. *The Second Party has the option to extend this agreement after the first month for a further one month for the agreed salary of €130 per day.*

4. Il-kuntratti ghandhom sahha ta' ligi ghal dawk li jkunu ghamluhom u ma jistghux jiġu mhassra hlief bil-kunsens tal-partijiet, jew ghal ragunijiet li jissemmew fil-ligi[6]. Il-kuntratti ghandhom jigu ezegwiti bil-bona fidi, u jobbligaw mhux biss għal dak li jinghad fihom, iżda wkoll għall-konsegwenzi kollha li ggib maghha l-obbligazzjoni skont ix-xorta taghha, bl-ekwità, bl-uzu jew bil-liġi[7]. Inoltre, meta l-kliem ta' kuntratt, mehud fis-sens skont l-uzu fiz-zmien tal-kuntratt, hu car, ma hemmx lok ghal interpretazzjoni[8].

5. Mid-dicitura ta' dan il-ftehim huwa car li l-impieg tal-appellanti kien ghal almenu xahar minghajr interruzzjoni – *"The employment period **shall**[9] be one month[10]."* Ghalkemm gie ngaggat bhala Kaptan ta' vapur, l-appellata zammet id-dritt li f'dak il-perjodu hija tassenjalu *"any other function which may be legally assigned to him, on board a sea going vessel to be indicated by the first party [Triva Shipping Co. Ltd]".* La gie specifikat vapur partikolari u lanqas vjagg specifiku tant li klawsola 4 turi qbil bejn il-partijiet li l-appellant seta' fil-kors ta' dan l-impjieg definit jigi traseferit fuq vapur iehor mas-socjeta' ntimata. Klawzola 6 mbaghad tikkoncedi d-dritt tal-ghazla lir-rikorrent li jgedded il-kuntratt ghal xahar iehor bl-istess salarju, €130 kull gurnata. Il-Qorti tinnota wkoll li l-kuntratt tal-appellat, meta paragunat mal-kuntratti l-ohra tal-ekwipagg ezibiti in atti[11] hu l-uniku wiehed li jistabilixxi rata ta' hlas bil-gurnata minflok *lump sum* ghal xahar shih. Dan il-fatt pero' ma jaffetwax il-ftehim bejn il-partjiet skont klawzola 2, li l-ftehim u l-hlas huwa ghal xahar shih u mhux ghal granet minnu. Ghak kull buon fini jigi nnotat ukoll li f'kull kaz ir-rata ta' hlas indikata fil-ftehim tar-rikorrent hi ekwivalenti ghar-rata ta' hlas fil-*lump sum* offruta ghal gimghatejn lil Edward Caruana Soler, li kien ukoll gie ngaggat bhala kaptan.

6. Jirrizulta pacifiku li fl-1 ta' Frar 2012, l-appellant fuq struzzjonijiet tas-socjeta' appellata, siefer lejn Tunez biex minn hemm jivvjagga lejn il-vapur Triva I li fuqu kellu jaqdi dmirijiet ta' Kaptan. Dan il-vapur kien qieghed jiehu sehem f'operazzjoni ghall-esplorazzjoni taz-zejt flimkien ma' kumpanija ohra estera fl-ibhra bejn it-Tunezija u

---

[6] Art 992 tal-Kodici Civili.

[7] Art 993 tal-istess Kodici.

[8] Art 1002 tal-istess Kodici.

[9] Tipa grassa b'enfasi tal-Qorti.

[10] Klawsola 2 tal-ftehim.

[11] Fol 29 u 30.

Pantellerija. Dan il-vjagg dam 18 il-jum u fit-18 ta' Frar il-vapur dahal lura l-port f'Malta. L-ghada, 19 ta' Frar, ir-rikorrent inghata cekk bil-hlas ta' tmintax il-jum xoghol[12].

7. Salv dawn il-ftit fatti li hemm qbil dwarhom, il-verzjonijiet tal-partijiet dwar dak li sehh wara t-18 ta' Frar huma pjuttost konfliggenti.

8. Il-Qrati dejjem kienu konsistenti dwar il-principji li japplikaw meta jkun hemm kunflitt ta' verzjonijiet bejn il-partijiet f'kawza. Fil-kaz **Pickless Limited (C-11535) vs Saviour Farrugia et**[13] deciz fl-20 ta' Jannar 2016 il-Qorti qalet hekk:

*"Fil-kazijiet fejn il-Qorti tkun rinfaccata minn provi konfliggenti, il-Qorti ghandha tkun gwidata minn zewg principji fl-evalwazzjoni tal-provi li jkunu gew prodotti quddiemha, u cioe:*

*1. Li taghraf tislet minn dawn il-provi korroborazzjoni li tista' tikkonforta xi wahda miz-zewg verzjonijiet bhala li tkun aktar kredibbli u attendibbli minn ohra; u*

*2. Fin-nuqqas, li tigi applikata l-massima actore non probante reus absolvitur."*

9. Skont l-appellant, wara t-18 ta' Frar 2012 huwa rcieva struzzjonijiet minghand Marcus Tonna ghan-nom tas-socjeta' appellata sabiex jippreparaw il-vapur ghal vjagg iehor u ghalhekk ghamlu xi xoghol ta' manutenzjoni urgenti fuqu[14]. Huwa kien regolarment imur fuq il-vapur biex jiehu hsieb li jsiru x-xoghlijiet necessarji ta' tiswija u manutenzjoni qabel il-vjagg li jmiss[15]. Ic-*Chief engineer* John Walker jghid li: *"He would turn up as a Captain, stay there for about an hour, suggest what type of works have to be done and then leave off and the works then used to be carried out by myself together with my crew*[16]*".*

10. L-appellant qal ukoll li beda jiffaccja problemi biex jithallas il-paga ghall-bqija tax-xahar ta' Frar u beda' jinsisti ma' Marcus Tonna li hu ma kienx se jaccetta li jsalpa mal-vapur f'Marzu jekk qabel ma jithallasx il-bqija tal-paga ta' Frar[17].

11. Marcus Tonna min-naha l-ohra jghid li meta dahal lura l-vapur fit-18 ta' Frar 2012 dan kellu bzonn perjodu ta' zmien ghall-manutenzjoni u ghalhekk qalu lir-rikorrent *"sabiex jiehu gimgha off u wara dik il-gimgha konna ghidnilu biex umbaghad jikkuntattjana biex se mai jiggedded il-kuntratt.....Jien ghandi nghid illi f'dik il-gimgha ahna ma qisniehx*

---

[12] Affidavit tar-rikorrent a fol 10. Hemm qbil minn Marcus Tonna ghas-socjeta' appellata li r-rikorrent thallas ghall-perjodu li hadem fuq il-bastiment (fol 20) u li huwa gabar dan ic-cekk fl-20 ta' Frar 2012 (fol 70).

[13] Rik Nru 445/2007 Prim Awla tal-Qorti Civili.

[14] Affidavit tar-rikorrent fol 10.

[15] Fol 31-33.

[16] Xhieda a fol 61 – 62.

[17] Fol 33.

*bhala li kien impjegat maghna peress li konna ghidnilu biex jiehu gimgha off*[18]*."* Il-Qorti tqis li dan ir-ragunament mhux kompatibbli ma' dak miftiehem fil-kuntratt. Kif inghad, il-kuntratt kien qieghed jiggarantixxi mpjieg lir-rikorrent bi hlas ta' €130 kuljum almenu ghax-xahar shih ta' Frar bil-possibilita' li huwa jintbaghat fuq kull vapur li kien immexxi mis-socjeta' appellata, u dan irrispettivament minn meta vjagg wiehed jew iehor jigi komplut. Li kieku s-socjeta' appellata riedet li l-impjieg tar-rikorrent jibda u jintemm skont meta beda u spicca dan il-vjagg bejn l-ibhra ta' Tunez u Pantellerija kien imissha specifikat dan fil-ftehim. Haga li m'ghamlitx. Il-Qorti ghalhekk ma tifhimx kif l-appellata qeghda targumenta li wara r-ritorn tal-appellant mill-vjagg imsemmi hallsitu biss *"ghal perjodu totali li hadem hu fuq il-bastiment*[19]*"* u tippretendi li ma kien fadlilha ebda obbligi legali lejn ir-rikorrent almenu ghall-bqija tal-granet ta' Frar 2012.

12. Dwar il-gimgha *off* li ssemmi (kontestata mill-appellant[20]) anke jekk *dato ma non concesso* f'dik il-gimgha ghazlet li ma tutilizzax is-servizzi tal-appellant, ma jfissirx li kellha xi dritt ma thallsux.

13. Aktar tard imbaghad, Marcus Pace ghan-nom tas-socjeta' appellata jghid li wara r-ritorn tal-vapur Triva I f'Malta l-ekwipagg kollu tal-vapur inkluz ir-rikorrent appellant "*tqieghdu fuq standby. U meta nghid 'standby' ghalija kienet illi f'kaz li jinqala' xi bicca xoghol ohra u allura jkolli bzonn is-servizzi taghhom jiena nkun nista' nikkomunika maghhom u jkunu jistghu jigu biex jaghtu s-servizz taghhom*[21]*."* Waqt ix-xhieda tieghu ir-rikorrent ukoll ikkonferma li huwa u l-ekwipagg kienu tpoggew on *standby*[22] u giet esibita wkoll korrispondenza f'dan is-sens[23]. Dan il-fatt ghall-Qorti ma jfisser xejn hlief li r-rikorrent illum appellant kien marbut li jkun disponibbli ghas-socjeta' appellata f'kull hin u gurnata, almenu zgur ghax-xahar ta' Frar 2012, sabiex jekk din tibghat ghalih biex jaqdi dmirijiet fuq xi vapur minn taghha huwa jkun f'pozizzjoni li jaghmel dan minghajr ebda xkiel. Ghalhekk difficilment iregi l-argument ta' Marcus Tonna ghas-socjeta' appellata meta jghid li fl-istess perjodu li kien *standby* ir-rikorrent *"seta' facilment isib xoghol iehor*[24]". Kif seta' r-rikorrent jintrabat ma' *employer* iehor jekk fl-istess hin huwa kien diga' marbut almenu ghal xahar shih bil-ftehim tal-31 ta' Jannar 2012 mas-socjeta' appellata? Hija ta' din ir-rabta kontrattwali matul ix-xahar imsemmi, li l-appellant certament kellu dritt jigi rizarcit bir-rata ta' €130 kuljum ghax-xahar ta' Frar 2012.

---

[18] Xhieda ta' Marcus Tonna a fol 19.

[19] Xhieda Marcus Tonna a fol 20.

[20] Xhieda a fol 56.

[21] Xhieda Marcus Tonna a fol 70.

[22] Fol 55.

[23] Email datata 26 ta' Marzu a fol 75 mibghuta mir-rapprezentanti tar-rikorrent lis-socjeta' ntimata.

[24] Fol 72.

14. Is-socjeta' appellanta ma tichadx li wara r-ritorn tal-vapur Triva I l-appellant kien ippartecipa b'pariri u sorveljanza fix-xoghlijiet ta' manutenzjoni u tiswjiet fuq il-vapur. Fatt, li kif diga' ntwera, gie konfermat mix-xhud imressaq mis-socjeta' ntimata stess, Ian John Walker. Ta' dan is-servizz, li *del resto* kien inkluz fid-dmirijiet li l-appellat seta' jigi mqabbad jaghmel skont il-ftehim imsemmi, l-appellata m'ghandhiex jedd tippretendi li ma thallsux.

15. L-appellata argumentat ukoll li fi Frar stess l-appellat beda jinsisti li jinghata zieda fil-paga biex huwa jaghmel il-vjagg ta' Marzu[25]. Hija tghid li m'accettatx dawn it-talbiet u l-appellat abbanduna l-impieg qabel ma skada Frar[26], ghalkemm ma tatx hjiel meta kienet il-gurnata fi Frar meta gara hekk. Dwar dan il-Qorti izda ssib illi ghalkemm kif diga' inghad, l-appellant stess qieghed jirrikonoxxi li kien hemm diskussjonijiet bejniethom dwar zieda fil-paga, huwa baqa' fl-impiieg ghax-xahar kollu ta' Frar u anke oltre, kif ser jigi spjegat fil-paragrafi sussegwenti.

16. Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet kollha l-Qorti taqbel mad-decizjoni tal-ewwel Qorti li l-appellant kellu dritt jithallas ghax-xahar kollu ta' Frar 2012 u mhux biss ghal parti minnu.

17. Jifdal li tigi ezaminata l-kwistjoni jekk wara d-29 ta' Frar 2012 il-ftehim bejn il-partijiet jistax jigi meqjus li ggedded ghax-xahar ta' Marzu 2012 skont l-opzjoni moghtija lill-appellant skond klawzola 6 tal-ftehim.

18. L-appellant jghid li wara li rritornaw Malta fit-18 ta' Frar il-vapur Triva I gie sottopost ghal xi xoghlijiet ta' manutenzjoni peress li kien intiz li jaghmel vjagg iehor u li peress li *"l-vjagg ma' kienx sar sal-ahhar ta' Frar awtomatikament[27] il-kuntratt kien gie estiz ghal perjodu ta' xahar[28]*. Ir-rikorrent isemmi wkoll ftehim verbali bejnu u bejn Marcus Tonna illi peress li kellu jsir dan il-vjagg iehor f'Marzu, s-socjeta' appellata kellha *"bzonn kaptan u allura konna ftehmna illi jiena nibqa' bhala kaptan fuq id-dghajsa[29]."* Ir-rikorrent jghid li dan il-vjagg kellu aktarx jibda fil-5 jew 6 ta' Marzu[30]. F'parti ohra tax-xhieda huwa jghid li, *"peress li jiena sal-5 – is-6 ta' Marzu kont ghadni abbord fuq il-bastiment allura l-kuntratt seta' jigi estiz awtomatikament ghax jien kont ghadni abbord, u jiena estendejtu awtomatikament[31]."*

---

[25] Xhieda Marcus Tonna a fol 19, fol 71 u email a fol 77.

[2626] It-tieni eccezzjoni fir-risposta tas-socjeta' ntimata a fol 12.

[27] Sottolinear tal-Qorti.

[28] Xhieda ta' Duncan Malcolm Pace a fol 32.

[29] Ibid, fol 32.

[30] Ibid fol 32.

[31] Fol 55.

19. Min-naha l-ohra Marcus Tonna jixhed hekk: *"Qed nigi mitlub mill-Qorti jekk attwalment wara l-ewwel perjodu ta' xahar, il-kuntratt kienx gie estiz mis-Sur Pace u jiena nghid illi ma rcevejt xejn bil-miktub minghand is-Sur Pace li ried jestendi l-kuntratt[32]."* F'parti ohra jghid hekk: *"Jien ghalija l-kuntratt tal-31 ta' Jannar 2012 ghalija ma ggeddidx ghal raguni semplici illi hu ried aktar flus ghall-istess servizzi illi kien ga ftiehem ghalihom u li jien ma ftiehemx mieghu, u hu qabad u telaq[33]."*

20. Minn dawn il-verzjonijiet kontrastanti l-Qorti taghmel is-segwenti osservazzjonijiet:

i. Klawzola 6 tal-ftehim tal-31 ta' Jannar 2012 ma kinitx tezigi notifika bil-miktub minghand l-appellant lis-socjeta appellata ghat-tigdid tal-ftehim;

ii. Filwaqt li s-socjeta' ntimata tghid li hija ma rceviet ebda komunika bil-miktub minghand ir-rikorrent li huwa kien ser jestendi l-kuntratt ghal Marzu, hija ma taghti ebda spjegazzjoni ghall-fatt kif ir-rikorrent, sas-6 ta' Marzu 2012 kien ghadu qieghed jirrendilha servizz fuq il-vapur Triva I. Il-Qorti ma tifhimx kif seta' r-rikorrent ikun qed jaghmel dan jekk mhux ghax il-kuntratt kien gie estiz minnu ghax-xahar ta' Marzu bi pjena konoxxenza tas-socjeta' ntimata. Dan aktar u aktar meta s-segretarja ta' Marcus Tonna stess sas-6 ta' Marzu 2012 kienet qeghda f'kuntatt telefoniku mar-rikorrent fuq il-vapur. Ir-rikorrent xehed hekk:

> *"Jien ghandi nghid li ghal habta tal-5 jew is-6 ta' Marzu meta jiena kont ghadni fuq id-dghajsa u kont qed naghmel xi xoghlijiet li kien hemm bzonn isiru kienet cemplitli s-segretarja ta' Marcus Tonna u staqsietni sabiex naccerta ruhi li jkolli d-dokumentazzjoni kollha in order sabiex inkun nista' naghmel il-vjagg u jiena mbaghad fakkartha u staqsejtha sabiex tkellem lil Marcus Tonna halli jinfurmani dwar il-pozizzjoni tieghi peress illi kont naf li Marcus Tonna kellu fama illi xi drabi ma' jitrattax lil haddiema kif suppost u allura jiena kkonkludejt, jiena nsistejt illi qabel ma nkompli bix-xoghlijiet, irrid nithallas tax-xoghol kollu li ghamilt sal-ahhar ta' Frar."*[34]

iii. Is-socjeta' b'ebda mod ma tichad li dan l-inkontru fuq il-bastiment sehh anzi tikkonfermah[35];

iv. Irrizulta wkoll mill-provi li sas-6 ta' Marzu l-appellant kien ipprepara diversi affarijiet mehtiega ghall-vjagg u dakinhar stess ta *handover* taghhom lil Marcus Tonna. L-appellant xehed:

---

32 Seduta tal-24 ta' Mejju 2013 a fol 19.

33 Fol 71.

34 Fol 32-33.

35 Fol 71.

*"Fis-6 ta' Marzu tajtu l-handover tal-bastiment u tlaqt minn fuq il-bastiment. Ghaddejtlu l-inkartament kollu tal-vjagg l-iehor li jiena kont diga' qed nipprepara kif ukoll accertajt ruhi li l-apparat kollu kien fi stat li jahdem. Xorta ghaddejtlu l-karti….Ivverifikajna …..GPS plotter, autopilot u l-affarijiet kollha, l-equipment kollha tal-bastiment u jiena qbadt l-affarijiet tieghi u tlaqt 'l hemm[36]."* Aktar tard qal ukoll, *"l-ahhar darba li kont fuq il-bastiment kont flimkien ma' Marcus Tonna stess, urejtu l-log book fejn kont nizzilt id-dettalji kolha, urejtu l-cargo list, u urejtu li kont lestejt kollox sabiex il-bastiment ikun jista' jsalpa 'l hemm[37]".*

Xejn minn dan ma gie kontestat mis-socjeta' ntimata.

v. Inoltre f'ittra mibghuta fid-29 ta' Marzu 2012 mir-rapprezentant legali tas-socjeta' ntimata lir-rapprezentant legali tar-rikorrent[38], jinghad hekk: *"On the 6th March 2012[39] Mr Pace informed my Client that he was not willing to sail the vessel at the previously agreed rate* ***and abandoned his employment.****"* La s-socjeta' argumentat li fis-6 ta' Marzu 2012 l-appellant **abbanduna l-impjieg**, din fiha nnifisha hi konferma li l-impieg kien gie mgedded. Tant l-appellata kienet qeghda ssostni li l-kuntratt ta' impieg gie mgedded ghax-xahar ta' Marzu 2012 li permezz ta' dik l-istess ittra sejhet lill-appellant sabiex ihallasha s-somma ta' €2,730 *"…. representing one-half of the full wages which Mr Pace would have become entitled to if he continued in the service for the time stated in the Contract…."[40]* Ghalkemm Marcus Tonna xehed, *"Jiena ghalija l-kuntratt tal-31 ta' Jannar ghalija* ***ma ggeddidtx*** *ghal raguni semplici illi hu……,"[41]* pero' dan jikkontradici dak li l-appellata stess iddikjarat fl-ittra legali tad-29 ta' Mejju 2012. Ghalhekk il-qorti ma tistax taccetta din il-parti mid-deposizzjoni ta' Tonna.

21. Li jirrizulta zgur ghalhekk hu li sas-6 ta' Marzu 2012 l-appellant kien ghadu fl-impieg mas-socjeta appellata. L-appellant ghalhekk jisthoqqlu jithallas ta' dawn il-jiem bir-rata ta' €130 ghal kull gurnata.

22. Ghal dak li jirrigwarda l-kumplament tal-granet tax-xahar ta' Marzu 2012, l-appellant isostni li fis-6 ta' Marzu 2012 tkecca mill-impieg filwaqt li l-appellata qalet li kien l-appellant li qabad u abbanduna l-post tax-xoghol ghaliex ma tatux iz-zieda fil-paga li ried. Jidher li lejn l-ahhar tax-xahar ta' Frar 2012 l-appellant kien qieghed jippretendi li s-salarju tieghu ikun €5,200 (ara email datata 23 ta' Frar 2012[42]). Fir-rikors tal-appell, l-

---

[36] Fol 33.

[37] Fol 68.

[38] Fol 13.

[39] Enfazi tal-qorti.

[40] Fol. 13.

[41] Fol. 71.

[42] Fol. 77.

appellant argumenta li z-zieda ntalbet fl-eventwalita' li *"... jkompli jahdem b'kuntratt ta' xoghol indefinit...."* Fatt li ma rrizultax mill-provi. L-appellant xehed, *"... nghid illi jiena ma kontx qed nitlob zieda."*[43]. L-email tat-23 ta' Frar 2012 li Marcus Tonna qal li rcieva minghand is-segretarja tieghu, turi mod iehor. Prova li l-appellant ma talabx li jirribatti fl-istadju propizju. Il-qorti tasal biex tikkonkludi li r-relazzjoni bejn il-kontendenti ma komplitx minhabba dizgwid kemm fuq is-salarju li l-appellat kien ghadu ma rceviex kif ukoll fir-rigward taz-zieda li kien qieghed jippretendi fil-paga biex jaghmel il-vjagg li kien imiss, u dan wassal biex ir-relazzjoni ta bejn il-kontendenti spiccat ghal kollox.

**Ghalhekk l-appell tal-appellant safejn kompatibbli ma' dak li nghad hawn fuq ser jintlaqa'.**

**<u>L-appell incidentali tas-socjeta' ntimata.</u>**

L-ilment tas-socjeta appellata hu li:

i. ladarba l-appellant ma hadimx bejn id-19 u 29 ta' Frar, ma kellux dritt li jippretendi hlas ta' €130 ghal kull gurnata.

ii. l-appellata ma kellhiex tigi kkundannata thallas l-ispejjez kollha tal-kawza meta tqies li giet kundannata thallas inqas min-nofs l-ammont mitlub mill-appellant.

Il-Qorti diga' esprimiet ruhha estensivament dwar il-meritu tal-kaz fl-appell principali u m'ghandha xejn x'izzid. Ghar-ragunijiet li ssemmew fil-parti fejn gie kkunsidrat l-appell tal-appellant, l-appell fil-meritu ma jregix.

Ghal dak li jirrigwarda l-ispejjez, il-qorti hi tal-fehma li l-ilment hu gustifikat meta tqies li l-appellant ma harigx rebbieh ghal kollox. Fil-fatt mis-somma pretiza mill-appellant, il-qorti kkundannat lill-appellata thallas 26% minnha. Fic-cirkostanzi l-qorti m'hijiex tal-fehma li l-appellata kellha tigi kkundannata thallas l-ispejjez kollha.

**L-appell incidentali fuq il-meritu ser jigi michud, filwaqt li s-sentenza tal-ewwel qorti ser tigi riformata fir-rigward tal-kap tal-ispejjez.**

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti:-**

1. **Tilqa' l-appell tar-rikorrent Duncan Malcolm Pace limitatament safejn biss kompatibbli ma' dak li ser jinghad. Tirrifoma s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-30 ta' April 2015, billi minflok tikkundanna lis-socjeta appellata thallas lill-appellant is-somma ta' elfejn mitejn u ghaxar ewro (€2,210) rapprezentanti l-bilanc tal-paga dovuta, bl-imghax kif dikjarat fis-sentenza tat-30 ta' April 2015[44];**

[43] Fol. 55.

[44] Fir-rigward tal-imghax li skond is-sentenza tal-ewwel qorti ghandu jithallas mid-data tas-sentenza, fir-rikors tal-appell m'hemmx aggravju.

2. **Tichad l-appell incidentali fir-rigward tal-meritu, u tilqghu fir-rigward tal-kap tal-ispejjez tas-sentenza tal-ewwel qorti. Ghalhekk tirriforma s-sentenza tal-ewwel qorti fis-sens li thassar dik il-parti tas-sentenza li taqra: *"Spejjez tal-proceduri odjerni ghandhom ikunu a karigu tas-socjeta intimata."* u minflok tordna li l-ispejjez ghandhom jinqasmu nofs bin-nofs bejn il-kontendenti.**
3. **L-ispejjez tal-appell principali jinqasmu nofs bin-nofs filwaqt li l-ispejjez tal-appell incidentali jinqasmu in kwantu ghal 70% a karigu tal-appellata u 30% a karigu tal-appellant.**

Anthony Ellul.